Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
T:
E:

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 1**

**Data:** It-Tlieta, 18 ta' Jannar 2022
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

**Preżenti fil-Binja Amministrattiva**:
Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Membru
Dr. Samuel Azzopard – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru

**Attenda online:**

Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv (attendiet online)

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
T:
E:

**1.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.53**

1.1.1 Il-President ta merħba lill-Eżekuttiv il-ġdid, filwaqt li min-naħa tiegħu wiegħed li jibqa' jaħdem b' impenn b' risq il-Kunsilli Reġjonali/ Lokali, semma wkoll li jkun grat lejn kull Membru tal-Eżekuttiv li juri impenn fil-ħidma tal-Assoċjazzjoni. Il-President irringrazzja lill-Membri tal-Eżekuttiv preċedenti għall-ħidma u l-impenn li dejjem wrew. Semma wkoll li jixtieq jawgura lill-Perit Graziella Galea li minn kif jidhru l-affarjiet kienet ser tiġi maħtura bħala Membru Parlamentari.

1.1.2 Il-Prersident semma li l-President Reġjun Tramuntana, is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv kienu qed jattendu online minħabba li kienu jinstabu fi kwarantina.

1.1.3 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

1.1.4 Fuq proposta ta-President issekondata minn Chev Paul Farrugia u Dr. Samuel Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**1.2 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 53**

| | |
|---|---|
| **1.2.1 Green Wall u Green Roof** | Il-President semma li xogħol infrastrutturali kważi kollu lest, fadal li jsir ix-xogol tad-dawl kif ukoll jibda jitpoġġa d-decking. Semma li sa Marzu 2022, il-proġett gaħndu jkun lest. |
| **1.2.2 Tender Organic Waste Collection f' żoni turistiċi matul tmiem il-ġimgħa minn stabbilimenti tal-ikel.** | Il-President semma li fis-26 ta' Jannar 2022 ser tinżamm is-seduta tal-qorti sabiex tingħata d-deċiżjoni fuq il-kawża li nfetħet minn wieħed mill-kuntratturi. |
| **1.2.3 Vacancy mal-AKL** | Il-President semma li l-Jobsplus kienu bagħtu lista ta' applikati li qed jirreġistraw fuq Part 3 kif ukoll permess sabiex dan l-impjig ikun jista' jiġi ppubblikat esternament. Il-President semma li ser inkunu qed jinġabru xi kwotazzjonijiet sabiex jippubblikaw din il-vakanza. Il-President semma li l-applikazzjonijiet jagħlqu lejn l-aħħar ta' Jannar u kienu diġa bdew deħlin xi applikazzjonijiet. |
| **1.2.4 Donazzjonijiet miġbura waqt l-Ikla tal-Milied organizzata mill-AKL** | Il-President semma li kienu inġabru €2,155 minn dawk kollha li attendew il-Christmas Get Together li organizzat l-AKL nhar il-11 ta' Diċembru 2021. Semma li din is-somma |

ġiet ippreżentata waqt l-Istrina 2021.

**1.2.5 Reverse Vending Machines**

Il-President semma li saret il-laqgħa li kellha ssir fejn ġie konfermat li se jkunu rari l-istanzi li dawn jitpoġġew fuq art pubblika. F' din l-eventwalita' ser issir diskussjoni mall-Kunsilli rispettivi. Il-ħsieb hu li dawn jitpoġġew f' postijiet aċċessibbli għall-pubbliku imma privati bħal fuel stations, supermarkets etc. kien hemm l-aħħar laqgħa mis-sensiela ta' postijiet pubbliċi

**1.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 1**

1.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi u Chev Paul Farrugia u ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-22 ta' Diċembru 2021 u t-18 ta' Jannar 2022 li kienet tammonta għall-€55,688.88.

1.3.2 Is-Sur Max Zammit daħal għal-laqgħa fis-17:43.

**1.4 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni – Sejħa Pubblika għal xiri ta' AEDs**

1.4.1 Il-President preżenta ir-rapport ta' evalwazzjoni li pprepara l-Board tal-Evalwazzjoni li kien maħtur waqt il-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu 53.

1.4.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva r-rapport hekk kif kien preżentat.

**1.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għar-Raba' Kwart tas-Sena Finanzjarja 2021**

1.5.1 Il-President preżenta r-rapport finanzjarju għar-raba' kwart tas-sena 2021 hekk kif mibgħut mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-President spjega fid-dettal ir-rapport u nforma li spjega dettaljata tinstab ukoll fuq quddiem tar-rapport finanzjarju.

1.5.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva r-rapport hekk kif preżentat.

**1.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Għeluq is-Sena Finanzjarja 2021**

1.6.1 Il-President preżenta r-rapport finanzjarju għall-għeluq tas-sena 2021 hekk kif mibgħut mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-President ta spjega dettaljata tar-rapport u informa li spjega aktar

dettaljata tinstab fuq quddiem tar-rapport finanzjarju. Il-President semma li l-AKL ser tkun qed tagħmel surplus ta' €249,000 u madwar €840,000 riżervi.

1.6.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva r-rapport hekk kif preżentat.

**1.7 Preżentazzjoni u Approvazzjoni ta' Qualification Allowance Ħaddiema Klerikali AKL**

1.7.1 Il-President semma li t-tliet ħaddiema klerikali tal-AKL kienu qed isegwu kors ta' Advanced Diploma in Business Administration. Il-President semma li f' Jannar kienu ġabu parti miċ-ċertivikat fuq livell ta' Diploma u għaldaqstant ippreżenta r-rikjesta tal-impjegati sabiex ikunu jistgħu jibbenifikaw mill-qualification allowance hekk kif indikat fil-ftehim kollettiv tal-ħaddiema klerikali.

1.7.2 Fuq proposta tal-President li l-impjegati jibdew jibbenifikaw mill-qualification allowance mill-1 ta' Jannar 2022, issekondata minn Dr. Samuel Azzpardi, l-Eżekuttiv approva din it-talba.

**1.8 Ħatra Viċi President AKL għall-Affarjiet Nazzjonali**

1.8.1 Il-President ressaq in-nomina ta' Chev. Paul Farrugia bħala Viċi President għall-Affarjiet Nazzjonali. Peress li ma tresqet l-ebda nomina oħra, l-Eżekuttiv approva lil Chev. Farrugia bħala Viċi President AKL għall-Affrajiet Nazzjonali.

**1.9 Ħatra Viċi President AKL għall-Affarjiet Internazzjonali**

1.9.1 Il-President ressaq in-nomina ta' Dr. Samuel Azzopardi bħala Viċi President għall-Affarjiet Internazzjonali.

1.9.2 Is-Sur Charles Bonello ressaq in-nomina tas-Sur Anthony Chircop bħala Viċi President għall-Affarjiet Internazzjonali. Is-Sur Bonello spjega li l-prassi fi ħdan l-AKL dejjem kienet li wieħed mill-Viċi Presidenti tal-Assoċjazzjoni jkun tal-Partit li jkun fil-minoranza. Għaldaqstant huwa kien qed jinnomina lis-Sur Chircop għal din il-kariga.

1.9.3 Dr.Samuel Azzopardi semma li prassi tal-maġġoranza kienet prassi sakemm kien hemm żewġ partiti biss fi ħdan l-Eżekuttiv tal-AKL. Filwaqt li l-kariga tal-Viċi Presidenti tal-AKL qatt ma kienet ikkontestata.

1.9.4 Il-President semma li hija skomda li jittieħed vot fuq kariga speċjalment ma' Membru ġdid. Semma li qatt ma kien hemm diffikulta li jaħdmu ma' membri ta' Partiti opposti. Semma li DR. Azzopardi, ta kontribut għal din il-kariga għall-ħames snin. Irrimarka wkoll li ma kellu l-ebda raguni valida ghaliex ma jergax jinnomina lis-Sur Farrugia u lil Dr. Azzopardi.

1.9.5 Peress li ma kienx hemm qbil, il-President ippropona li jittieħed vot. Wara li l-Membri vvutaw kien konkluż li kien hemm disa' voti favur il-ħatra ta' Dr. Azzopardi u s-sur Farrugia u żewġ voti favur is-Sur Anthony Chircop. Għaldaqstant, Dr. Azzopardi u s-Sur Farrugia kienu ikkonfermati bħala Viċi Presidenti għall-Affarjiet Internazzjonali u Lokali rispettivament

**1.10 Ħatra Board ta' Intervisti għall-Postijiet Vakanti AKL**

1.10.1 Il-President semma li għandu jkun maħtur Board tal-Għażla li jservi għall-intervisti ta' meta jkun hemm post vakanti mal-AKL. Il-President semma li dan il-Board kien magħmul minnu bħala Chairperson, Chev. Paul Farrugia u Dr. Samuel Azzopardi bħala Membri. Il-President staqsa jekk kienx hemm xi ħadd li kien interessat li jkun parti minn dan il-Board. Il-President talab lis-Sur Charles Bonello jekk hux interessat. Is-Sur Bonello kkonferma li jaċċetta li jkun parti minn dan il-Board.

**1.11 Ħatra ta' rapprezentanta tal-Assocjazzjoni fuq il-Kunsill Nazzjonali tal-Mara**

1.11.1 Il-President semma li minħabba li l-Perit Graziella Galea ma kinitx għada parti mill-Eżekuttiv, kif ukoll fl-AKL ma kienx hemm rappreżentanti nisa, kien qed jipproponi li għal-laqgħa li fihom kienet tattendi l-Perit issa tkun maħtura s-Sindku tal-Għargħur, is-Sa. Helen Gauci. Fuq proposta tal-President Mario Fava u ssekondata minn Dr. Azzopardi, l-Eżekuttiv approva din il-ħatra.

**1.12 Komunikazzjoni mill-President**

**1.12.1 Laqgħa Plenarja AKL**

Il-President semma li l-laqgħa ser issir fuq jumejn, 4 u 5 ta' Marzu 2022.

It-tema ser tkun maqsuma f' 4;

(i) Rwol tal-Kunsill Lokali fil-hajja tar-Resident

(ii) Rwol tal-persuna eletta, primarjament is-Sindku

(iii) Rwol tal-Amministrattiv

(iv) Sehem tal-Partit Politici ghal kwalita superjuri fl-elettiv

Semma li ser ikun hemm introduzzjoni u diskussjoni mill-mistiedna u dawk prezenti l-Gimgha fil-għaxija, filwaqt li s-Sibt nibdew mill-ewwel b' erba' workshops. Kull workshop se jkollu rapporteur u wara l-workshops ser ikun hemm diskussjoni bejn il-mistiedna u dawk

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
T:
E:

prezenti. Il-hsieb hu li wara l-Plenarja, jingabar dak li jintqal u jsir rapport ufficcjali fuq l-erba' suggetti.
Qed jingabru kwotazzjonijiet ghal dak kollu mehtieg u bdew il-laqghat ma' persuni li se jkunu qed jghinu fl-attivita biex tittella u titmexxa.
Ser tkun miftuha ghas-Sindki, kunsilliera u staff tal-Kunsilli Lokali.
Huwa rakkomandat li l-Gimgha nibdew fil-17:30 registrazzjoni sa 20:30 fejn wara jkun hemm l-ikla. Is-Sibt nibdew 08:30am registrazzjoni sa 13:00 u wara jkun hemm l-ikla.
Qed jiġabru kwotazzjonijiet ghal dak kollu mehtieg li normalment ikun hemm f'laqghat bhal dawn.

Introduzzjoni minn xi nies bħal; Dr.Harry Vassallo, u Profs. Henry Frendo. Il-President semma wkoll li ser issiru intervisti ma' rappreżentanti tal-Partiti bħal l-Onor David Agius u l-Perit Daniel Micallef. Dan sabiex wieħed jiddiskuti kif il-Partiti Politiċi jistgħu jgħinu biex ikollna kandidatura aħjar anki bl-involviment tal-Partiti Politiċi. Semma li ser issiru wkoll intervisti lil residenti. Kif ukoll il-Plenarja tas-Sibt filgħodu tkun imqasma f' workshops.

**1.12.2 Malta – Special Olyimpics**

Il-President semma li kellu laqgha ma' SportsMalta, li se jkunu qed jorganizzaw din l-attivita. Il-hsieb hu li bejn it 12 u 18 ta' Mejju, titlaq it-torca minn Ghawdex, iddur il-lokalitajiet kollha sa 13 ta' Mejju 2022, fejn ikun hemm iċ-cerimonja tal-ftuh. Fil-gimghat li gejjin il-President għandu jkun mistieden għal-laqgha tal-Eżekuttiv ta' SportsMalta biex jibdew iħejju l-programm.

**1.12.3 Post Vakant AKL – Office Assistant (Cleaner)**

Il-President semma li issa li qed ikun hawn aktar nies fil-binja amministrattiva tal-AKL, mhux qed ikun bizzejjed li l-premises jidnadfu darbtejn fil-gimgħa meta tiġi l-cleaner tal-kuntrattur. Il-kuntratt ezistenti ser jispicca f' Gunju 2022 u ghaldaqstant il-President ressaq għall-approvazzjoni biex ikollna persuna b' reduced hours impjegata dirett mal-Assoċjazzjoni fejn tkun tista' tidħol xogħol kuljum. Bhala finanzi għandu jkun hemm zieda ta' madwar €4,000 minn dak li qed inħallsu illum. Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv qabel ma' dak li kien qed jiġi propost.

**1.12.4 Teambuilding**

Il-President semma li qed nahdmu fuq żewġ attivitajiet, waħda bħala Eżekuttiv, issa li nbidel kwazi kollu ikun tajjeb li wieħed issir jaf aħjar lil xulxin. Kien propost li din l-attivita' ssir ġimgħa wara l-Laqgħa Plenarja. Il-President semma wkoll li kienu qed jinġabu xi kwotazzjonijiet u programmi ta' teambuilding għall-Membri Eletti u ħaddiema sabiex isir teambuilding ġewwa Sqallija. Semma li din l-attivita' tkun programmata li ssir lejn Mejju/ Ġunju 2022.

**1.12.5 Laqgħat mal-ERA**

Il-President semma li qed isiru sensiela ta' laqghat ma' ERA u Perm Sec Ambjent dwar il-kwistjoni tal-Bring-in-sites u l-avviz legali maħruġ. L-ERA qed jidhru li qed jifhmu dak li qed nghidu u qed ikun hemm attitudni differenti pozittiva.
Qed isiru issa laqghat one to one ma' kull kunsill li ghandu problema biex isib siti fejn ipoggi l-bring-in-sites tieghu. Qed inkun preżenti f' dawn il-laqghat.
L-ERA anki se tibda tghaddi lill-Assocjazzjoni informazzjoni tal-infurzar li qed isir, fejn u l-frekwenza. Din se tkun qed nagħdduha wkoll lill-Kunsilli Lokali.
L-ERA ser tħallas għal dan l-infurzar. Għaddew in formazzjoni ta' fejn ikunu nies taħhom u l-kunsilli jkunu jafu fejn marru u kemm ħarġu kontravenzzjonijiet. Il-Kunsill ser ikollu l- viżwal ta' infurzar li qed ikun hemm fil-lokalita'. Is-Sur Jesmond Aquilna semma li s-Sindki qed jaffaċjaw diversi problemi fejn jidħol nuqqas ta' infurzar. Il-President semma li minkejja d-dgergir ta' diversi Sindki, l-ERA urietu ittri ta' Sindki urtati fuq l-infurzar li qed issir fil-lokalita'. Dan jikkontradixxi it-talba ta' żieda fl-infurzar.
Il-President semma li d-differenza bejn l-ERA u LESA ser tkun li l-ERA ser ikunu fizikament fuq il-post u ser jaghmlu distinzjoni bejn il-kazijiet.
Is-Sur Aquilina semma li r-rikjesta għal dan is-servizz għandha tmur mill-Kunsill Lokali għal għand ir-Reġjun, sabiex ir-Reġjun ikun jista' jmexxi t-talba tal-Kunsill quddiem l-ERA. Il-President qal li l-ERA issa ghandha struttra kif appena Sindku icempel b' ilment, dawn jibghsatu l-membri tal-infurazar mill-ewwel u b' hekk ma jkunx hemm hela ta' hin biex issir il-kommunikazzjoni.

**1.12.6 Laqgħat mas-Segretarju Permanenti – Ministeru għall-**

Il-President semma li qed isiru wkoll laqghat mas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ambjent fejn flimkien miegħu u t-tmexxija tal-ERA qed nistabilixxu pjan u mod kif il-bring-in-

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
T:
E:

**Ambjent**

sites jistghu jinzammu b' mod tajjeb u x' se jkunu l-passi li jistghu jiehdu l-Kunsilli Lokali f' kaz li jkun hemm nuqqas mill-iskema.

L-Assoċjazzjoni xorta ghadna qed nitlobu li l-ideali jkun li l-Kuntrattur li se jkun qed jigbor id-door to door collection bil-kuntratt regjonali, jaghmel dan ix-xoghol ukoll u l-iskemi jhallsu din il-parti tal-gabbra. B' hekk ikollok kuntrattur wiehed fil-lokalita u l-Kunsilli Lokali jkollhom aktar kontroll fuq kif tinzamm is-sit.

Gie deciz ukoll li nibdew nigbru kopja tal-kuntratti li għandhom il-Kunsilli Lokali mal-iskemi sabiex naraw kif nistghu insahhu dawn il-kuntratti bi klawsoli, li wara li jigu approvati mill-ERA, jiddahhlu fis-sehh. Dan ukoll jaghti aktar sahha lill-Kunsilli Lokali

B' hekk ser ikun hemm pjan u mhux sempliciment impozizzjoni li l-Kunsilli jridu jistabbilixxu siti fejn dawn isiru.

Dan qed juri li b' persistenza u djalogu l-affarijiet jistghu iisru ahjar.

**1.12.7 Maskli ta' drapp bil-Logo tal-AKL**

Il-President semma li l-maskli li kienu ordnatio fil-bidu tal-pandemija spiċċaw u għaldaqstant kienu ser jinġabru kwotazzjonijiet sabiex jerġgħu jiġu ordnati batch ieħor.

**1.12.8 Devoluzzjoni**

Il-President semma li talab laqgha dwar il-mod kif qed issir id-devoluzzjoni lill-Kunsilli Lokali. Ir-rati qed jibdew jigu meqjusa kummercjalment u dan se jhalli impatt negattiv fuq il-Kunsilli Lokali. Chev. Farrugia semma li kaz li r-Reħjun Port għandu mal-Awtorita' tal-Artijiet u li ijlu ghaddej bih 5 snin biex ikun jista' jaghmel Reach Out Centre. Il-President semma li s-sistema għandha tkun regolata speċjalment meta hemm postijiet żdingati li l-Kunsill irrid devoluzzjoni tagħhom biex dawn jiġu tranġati.

Il-President semma li ser ikun qed jitlob ukoll li f' certu kazijiet ma jkunx hemm devoluzzjoni lill-Kunsilli Lokali u l-Kunsill Lokali xorta wahda jkun jista jammistra l-post. Bħal pereżempju ġonna pubbliċi, li minn fuq li l-Kunsill ikun qed jara li ma jibqghux zdingati, m'ghandux imbghad ihallas anki l-kera tal-art.

**1.12.9 Laqgħat one-to-one**

Il-President semma li minn Frar ser inkompli bil-laqghat one to one mall-Kunsilliera, process li kien beda qabel is-sajf 2021. L-iskop ta' dawn il-laqghat huwa li jkun hemm spjega tax-xoghol tal-Assocjazzjoni u l-progetti li jkunu qed isiru fuq

il-Viżjoni 2019.

| | |
|---|---|
| **1.12.10 CEMR – Kunsill Eropew tar-Reġjuni u Muniċipalitajiet** | Il-President semma li l-AKL kienet ġiet mistiedna biex tieħu sehem f' diskussjoni online waqt Konferenza li ser tkun organizzata bis-suġġett ewlini ser ikun l-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali kif ukoll l-għarfien wiegħsa tagħhom. |
| **1.12.11 Każ Tribunal Industrijali Isabella Testaferrata De Noto vs AKL** | Il-President semma li kien imsejjaħ għall-kontro eżami. Ta spjega lill-Membri l-ġodda tal-każ fil-qosor. Semma wkoll li minkejja l-kawża li fetħet is-Sa. De Noto, l-AKL ijlha missena 2018 li lestitilha cekk bi ħlas għall-tliet xhur notice li jammonta għal madwar €6,000 u li din qatt ma ġabret. |
| **1.12.12 Skema Urban Greening** | Il-President semma li Ambjenta Malta nedew skema għall-Kunsilli Lokali sabiex jibbenifikaw minn fondi sabiex iħaddru żoni fil-lokalita'. Il-President semma li ser ikun qed jiltaqa' ma' Ambjent Malta sabiex wieħed jara l-possibbilita' jekk Ambjent Malta jistgħux finanzjarjment u anki mill-att tekniku jassistux lill-Assoċjazzjoni sabiex tagħmel il-proġett tal-parking area tal-binja tal-AKL. |
| **1.12.13 Kunsill Malti għax-Xjenza u Teknoloġija** | Il-President semma li l-AKL kienet mistiedna sabiex tissieħeb f' laqgħat ta' konsultazzjoni fuq diversi oqsma. |
| **1.12.14 Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv Reġjun Xlokk** | Il-President fakkar li s-Segretrarju Eżekuttiv tal-AKL kienet għadha qed tagħmel xogħol fir-Reġjun Port bħala Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv. Semma li kien talab lid-Diviżjoni sabiex tħafef il-proċess sabiex ir-Reġjun ikun jista' jiftaħ is-sejħa għall-Segretarju Eżekuttiv. |
| **1.12.15 Ex-Membri AKL** | Il-President informa li kienet intbgħatet ittra ta' ringrazzjament lill-ex-Membri tal-Eżekuttiv. |
| **1.12.16 Pjattaforma Diġitali għall-Permessi online** | Il-President informa li kien bagħat ittra ta' komunikazzjoni lis-Segretarju Permanenti kif ukoll lid-Direttur Ġenerali sabiex juri d-diżappunt tiegħu li minkejja li kien sar xogħol fuq pjattaforma diġitali għall-Permessi online li kien ukoll proġett li l-AKL kienet qed taħdem fuqu, l-Assoċjazzjoni qatt ma ġiet ikkonsultata wisq inqas mistiedna għat-tnedija ta' l-istess pjattaforma. |
| **1.12.17 Ittra lid-Direttur Ġenerali dwar l-iskemi maħruġa mid-Diviżjoni** | Il-President semma li kien bagħat ittra lid-Direttur Ġenerali rigward tħassieb tiegħu fuq skemi maħruġa mid-Diviżjoni. Semma li t-tali skemi kienu qed idumu biex jiġu |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
T:
E:

aġġudikati, qed ikun hemm infieq mir-Reġjuni u Kunsilli Lokali, fosthom spejjeż ta' Periti sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika. Apparti minn hekk il-Kunsilli mhux qed ikollhom dritt t' appell fuq ir-riżultat.

**12.12.18 Kwotazzjoni għall-Interactive Screen għas-sala tal-AKL**

Il-President semma li ser ikunu qed jinġabru kwotazzjonijiet sabiex jiġi installat interactive conference screen fis-sala tal-AKL.

**1.12.19 Manutenzjoni binja AKL**

Il-President semma li f' Jannar ser tkun qed titkompla l-manutenzjoni tal-faċċata tal-binja. Fakkar li din il-manutenzjoni kienet qed tiġi ffinanzjata mill-INDIS.

**1.12.20 Foundation for Social Wellebing – Kunsill Reġjonali ta' tfal**

Il-President semma li kelli laqgħa mal-Fundazzjoni li hija mexxija mill-Emeritus Marie Louise Coleiro Preca rigward il-Kunsill Reġjonali ta' tfal. Semma li f' dan il-Kunsill ikun hemm rappreżentant ta' tfal minn kull lokalita'. Semma li dawn it-tfal jagħmlu talbiet fuq bażi Reġjonali u jmexxu proġetti flimkien mar-Reġjun. Semma li ser ikunu qed jagħdu lill-AKL draft MoU fejn il-fundazzjoni ser tkun qed tħaddem sitta min-nies sabiex jagħmlu dan ix-xogħol. Semma li huwa diġa informa li l-AKL ma tistax tiffinanzja salarji ta' impjegati għal din il-Fundazzjoni. Il-President semma li ser ikun qed jistenna li jirċievi kopja tal-MoU u jiddiskutih f' laqgħa tal-Eżekuttiv oħra.

**1.12.21 Kwotazzjonijiet għal outdoor furniture**

Il-President semma li ser ikun hemm bzonn li jinġabru xi kwotazzjonijiet għall-outdoor furniture għal fuq il-bejt tal-AKL.

**1.12.22 Ħaddiema Airmalta**

Il-President semma li fid-dawl ta' l-iskema maħruġa għall-ħaddiema tal-Airmalta, huwa tkellem ma' Chairperson ta' RSSL sabiex jekk ikun hemm ħaddiema li jkunu jistgħu jaħdmu mal-Kunsilli Lokali wieħed ikun jista' jibda jibda proċess biex dawn il-ħaddiema jallokahom mal-Kunsilli Lokali.

**1.12.23 Kuntrattur – Kontroll tal-Ħamiem Selvaġġ**

IL-President semma li kienet intbgħatet ittra ta' warning lill-kuntrattur. Semma li ser tkun qed tiġi skedata laqgħa mal-kuntrattur sabiex jiġu indirizzati xi nuqqasijiet.

**1.13 Affarjiet oħra**

1.13.1 Is-Sur Jesmond semma li bosta Sindki jinstabu inwetati fuq il-kuntratt tal-ġbir ta' skart fuq bażi Reġjonali. Is-Sur Charles Bonello semma li għandu jkun hemm update ta' dak li huwa għaddej fuq is-suġġett. Il-President informa li ser ikun qed jorganizza flimkien mad-Diviżjoni u l-Ministeru għall-Ambjent laqgħa mal-Presidenti Reġjonali u wara ssir laqgħa mas-Sindki u Kunsilliera.

1.13.2 Is-Sur Clifford Vella Galea Maslennikov staqsa jekk hux qed jitkompla l-proċess min-naħa ta' Diviżjoni sabiex ikollhom lista ta' kandidati prospettivi li r-Reġjun ikun jista' jsejjaħ għall-intervisti. Il-President semma li fil-jiem li ġejjin ser ikun qed jitkompla l-screening process min-naħa ta' Diviżjoni.

1.13.3 Chev. Paul Farrugia semma li hemm diversi Kunsilli Lokali li qed isibu problema meta jkunu qed iwasslu anzjani il-banek u sakemm t-transport jieqaf fuq un/loading bay dawn qed jaqgħilu diversi ċitazzjonijiet. Chev. Farrugia semma li uħud minn dawn il-vetturi huma ffinanzjati mill-LESA stess u wieħed irid jagħmel distinzjoni li dawn qed jagħtu servizz u anki x-xufier jibqa' fil-vettura sakemm l-anzjan jinqeda.

1.13.4 Is-Sur Jesmond Aquilina semma li jinstab inkwetat fuq il-fatt li budget tar-Reġjun naqas. Semma li meta wieħed inaqqas is-salarji tal-ħaddiema, l-onorarja tal-President u spejjeż amministrattivi, ir-Reġjun ser ikun qed jopera bl-eżatt. Il-President semma li wieħed irid imur b ' każ b' saħħtu għand il-Ministru tal-Finanzi għaldaqstant wieħed irrid janalizza s-sitwazzjoni u jkun imħejji rapport dettaljat. Il-President semma li r-Reġjuni jridu jaħdmu aktra bil-għaqal u jiefqu joħroġu skemi mingħajr l-ebda regolamenti lill-Kunsilli Lokali.

1.13.5 Dr. Samuel Azzopardi propona li l-AKL tibgħat ittra ta' awgurju lill-President Roberta Metsola tas-suċċess li rnexxila tilħaq fil-parlament Ewropew.

**1.14 Aġġornament**

1.14.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' it-Tlieta, 15 ta' Frar 2022 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.2 li nżammet nhar it-Tlieta, 15 ta' Frar fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,

T:
E:

**Mario Fava**
**President**